MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 132/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mark Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Frar, 2009, ghall-habta ta' 18.35 hrs, f'Constitution Street, Mosta,

1. saq vettura numru VTC-201 b'manjiera perikoluza;
2. b'manjiera traskurata;
3. b'manjiera traskurata; (Sic!)
4. b'giri aktar milli jmissu;
5. saq l-istess vettura numru VTC-201 b'tubu ta' l-ispurgar mhux efficjenti;
6. minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-"seat belt";
7. meta kien riesaq lejn "roundabout" naqas li jaghti d-dritta lil traffiku iehor li kien qed jaghmel uzu minnha;

8. waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra;
9. naqas li jipproduci lill-Pulizija l-licenzja tas-sewqan;
10. u l-polza tas-sigurta’ ta’ l-imsemmija vettura fiz-zmien skond il-ligi;
11. naqas li jobdi l-ordni legittima tal-Pulzija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;
12. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ l-imsemmija vettura numru VTC-201 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
13. gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 t’April, 2009, li biha, wara li rat l-art. 15(1)(a)(2), 15A u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, ir-Reg. 127, 106 u 75 tal-A.L. 128/1994, ir-Reg. 3 u 13 tal-A.L. 200/2007 u r-Reg. 2 tal-A.L. 94/1969, sabet lill-appellant fuq l-akkuzi hawn taht enumerati :
1. hati w ikkundannatu multa ta’ Euro 180
2. peress li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza
3. u 13. irtirati mill-prosekuzzjoni
4. hati w ikkundannatu ammenda ta’ Euro 69.88
5. fuq ammissjoni kkundannatu ammenda ta’ Euro 47
6., 7. u 8. hati w ikkundannatu ammenda ta’ Euro 46 ghal kull wahda minn dan it-tlett akkuzi
9, 10 u 11 liberat ghax mhux xufficjentement ippruvati
12. hati w ikkundannatu multa ta’ Euro 466.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-art. 15H(2) tal-Kap. 65, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha timmodifika w tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni fuq ammissjoni tieghu stess, fejn sabitu mhux hati tad-disa’, tal-ghaxar w

tal-hdax il-akkuza, fejn astjeniet mit-tieni akkuza w fejn ma haditx konjizzjoni tat-tielet akkuza w tat-tlettax il-akkuza peress li dawn kienu gew irtirati mill-istess prosekuzzjoni, ghandha tbiddel u tvarja l-precitata sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-ewwel, ir-raba', s-sitt, is-seba', t-tmien u t-tnax il-akkuza, kwindi tilliberah minnhom, cioe' minn dawn l-imsemmija imputazzjonijiet u piena relattiva li giet inflitta w konsegwentement ghalhekk issibu biss hati fuq il-hames akkuza kif minnu ammessa w tikkundannah biss ghal din l-imputazzjoni w tinfliggi fuqu l-piena relattiva ghall-istess.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li jezistu versjonijiet ghal kollox kontrastanti bejn dak li qed jallegaw zewg kuntistabbli tal-Pulizija w dak li qalu l-appellant u l-passiggier tieghu Keith Baldacchino. Dan il-konflitt ghandu jimmilita favur l-appellant. Oltre dal-konflitt umbaghad hemm il-konfigurazzjoni tat-triq li taghti ferm aktar kreditu ghal-verzjoni tal-appellant. Hu aktar verosimili li l-Pulizija li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, hadu l-impressjoni hazina ta' giri minhabba l-hoss tal-*silencer* aktar minhabba xi giri per se. L-appellant u l-passiggier tieghu t-tnejn ikkonfermaw li s-sewan tal-vettura sar bil-galbu w f' ebda hin ma kien hemm sewqan perikoluz. Ikkonfermaw ukoll li t-tnejn kienu liebsin *seat belt* u li l-appellant kien qabad ir-*roundabout* wara li kien halla vettura tghaddi kif ukoll li l-*indicator* inxtghel. Ma ngabet ebda prova tal-akkuza ta' sewqan taht l-influwenza ta'xorb. Il-fatt li l-*breathalyser* immarka 72mg. ma jfissirx per se u necessarjament li l-appellant ma kienx f' kundizzjoni li jsuq il-vettura. L-appellant u l-passiggier tieghu kkonfermaw li l-ahhar li xorbu kien aktar minn sitt sieghat  qabel u li s-sewqan kien wiehed normali w bil-galbu.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha minn din il-Qorti jistghu sintetizzati kif gej:-

**PC 1187 Omar Zammit**, fl-affidavit tieghu (a fol. 4), iddikjara li fit-8 ta' Frar, 2009, ghall-habta tal-18.35 waqt li kien xoghol flimkien mas-Surgent tieghu PS 241 Nicholas Farrugia u kienu ghaddejjin minn Constitution Street, Mosta, osserva vettura Honda Integra ta' kulur ahmar bin-numru VTC 201 gejja mid-direzzjoni tal-Knisja lejn ir-*roundabout* tal-Jupiter b' sewqan eccessiv, negligenti w traskurat. Id-*driver* ma kienx bis-*seat belt*. Ezattament hdejn ta' Natu Supermarket kien ser jibqa' diehel gol-vettura taghhom Ford Focus li kien qed isuq hu. Fuq istruzzjonijiet tas-Surgent, hu saq ghal wara din il-vettura w meta waslu mar-*roundabout* ta' Targa Gap, raw li din il-karozza kienet ser tidhol go Peugeot 106 kulur ahmar u go Toyota Corolla sewda. Minn hemm saq fid-direzzjoni ta' Mosta Road lejn Mount St. Joseph biex jahrab peress li huma kienu sejrin warajh bis-sirena w bil-*beacon lights* mixghula. Izda b' aktar sewqan dar ghal go triq biswiet l-imsemmi post, liema triq ma tinfidx u ghalhekk kellu jieqaf ghax sab lilhom warajh.

Hu w s-Surgent nizlu mill-vettura w marru fid-direzzjoni tax-xufier li beda' jghajjat u jidghi u jghid li ma kien ghamel xejn hazin. Dan kien Mark Chetcuti (l-appellant). Deher car li l-appellant kien taht l-influwenza ta' xorb u dan minnhabba r-riha li kellu. Is-surgent tah it-twissija biex jaghmel il-*breathalyser test* u wara xi tmin darbiet ghamlu tajjeb. Ir-rizultat gie pozittiv u kien ta' 72 mg. Is-Surgent qallu li kienu ser johduh id-Depot ghat-tieni *test* u waqt li kienu fi trieqthom, l-appellant offrielhom 200 Ewro biex ma jressquhx il-Qorti ghax hu mhux kriminal u ma kien ghamel xejn hazin. Id-Depot, wara li s-Surgent Maggur 1021 Joseph Urpani tah it-twissija biex jaghmel it-tieni *test* tal-*breathalyser*, ghal aktar minn erba darbiet nefah hazin u t-test ma setax jigi tajjeb. L-appellant ghazel li ma jiffirmahx.

L-affidavit ta’ **PS 241 Nicholas Farrugia** (fol. 5) hu identiku ghal dak ta’ PC Zammit.

Fl-affidavit tieghu **is-Surgent Maggur 1021 Joseph Urpani** (fol. 6), iddikjara li fit-8 ta’ Frar, 2009, ghall-habta tas-7 pm., gie mitlub jaghmel *breathalyser test* lill-appellant, li kien eskortat minn PS 241 Nicholas Farrugia u PC 1187 Omar Zammit tal-Mobile Squad. Hu kien ta t-twissija lill-appellant u fehmu d-drittijiet tieghu w spjegalu kif kellu jaghmel it-*test*. Dan accetta li jaghmu, izda, ghalkemm inghata erba provi, dan baqa’ jaghti kampjun tan-nifs insufficjenti, b’ rizultat li t-*test* baqa’ inkomplut.

**Is-Surgent Maggur Joseph Chalker** xehed li kien ipprezenta certifikat tal-*breathalyser test* quddiem il-Qorti dwar l-incident li gara fit-8 ta’ Frar, 2009. Hu ikkonferma li dan il-*breathalyser test* kien ittiehed *on site* u mhux id-Depot.

**L-appellant** xehed li dak in-nhar hu kien mal-habib tieghu Keith Baldacchino. Hu kellu licenzja w kien assigurat mal-Middlesea Insurance. Hu kien liebes *seat belt*. L-*exhaust* kien jaghmel daqxejn zghira hoss, iva. Dak in-nhar filghodu hu kien il-kazin tal-football tan-Naxxar fejn ghamel mill-11.30 am sal-12.30pm. Xorob. Mar id-dar, kiel, raqad, inhasel u wara xi hames sieghat kien sejjer Bugibba. Ghadda minn fuq il-pont tal-Mosta minn fejn tohrog ghal fuq ir-roundabout tal-Jupiter. Qabel ma hareg mis-*side road*, xeghel l-*indicator* u ha jitla’ ‘l fuq fuq il-*first gear* u kien ghaddej b’ xi 20 – 30 kfs. Kien hemm karozza niezla u warajh kien hemm karozza tal-Pulizija w waqfitu ghax jahseb li kellu l-*exhaust*. Xeghlu s-sirena u ma hasibx li din kienet ghalih. Kien baqa’ sejjer bil-mod. Fejn ir-*roundabout* ma kienx hemm karozzi. Dar mar-*roundabout* u kien hemm triq taghalaq u dahal go fiha ghax tfixkel dak il-hin. Il-Pulizija kienu niezlin u ghamlu U-turn u daru ghal warajh. Ma kienx ser jahbat ma tlitt karozzi sa dak il-punt. Hu kien xorob hames fliexken birra Heineken fil-ghodu dak in-nhar. Lilu lanqas jaghmlulu effett kwazi. Minn fejn hu kien hareg sar-*roundabout*

hemm xi 30 metru w fi 30 metru ma tistax issuq. Hu kien hareg minn fejn ta' Natu Supermarket.

**Keith Baldacchino**, xehed li dak in-nhar kien mal-appellant u min-Naxxar nizlu jiehdu *take away* mill-Mosta. F' daqqa w l-hin gew triq ghal *main road* u gibdu lejn il-Jupiter il fuq, lejn il-lemin. L-appellant xeghel l-*indicator*. Wara ftit gew il-Pulizija warajhom ghax il-karozza kienet bla *silencer* u hasbu li huma kienu ghaddejjin b' velocita' qawwja. Ma kellhomx *silence*r ghax kien inqalaghlu. Huma ma ndunawx li l-Puluzija kienu ghal warajhiom u daru mar-*roundabout* u gibdu 'l fuq. Umbaghad l-appellant qallu : *"Ahjar nieqfu. Nahseb li ghal warajna dawn."* Dahlu go triq taghalaq. Xeghlu l-*indicator* u waqfu hemm biex ma jieqfux fil-*main road*. Hu jaf isuq. Meta kienu qed jigru warajhiom il-Pulizija kienu ghaddejjin b'xi 40-50 kfs. Meta qarbu lejn ir-*roundabout* tal-Jupiter ma kienx hemm karozzi. Ma fixklux lil karozzi li kienu qed iduru mar-*roundabout* u daru lejn ix-xellug. Minn fejn kienu hargu huma sar-*roundabout* tal-Jupiter hemm xi tul ta' ghaxar karozzi. Il-Pulizija kienu niezlin kontrihom meta huma kienu tielghin lejn ir-*roundabout* tal-Jupiter. Kemm l-appellant kif ukoll hu kienu liebsin *seat belts*. Imma x' hin gew il-Pulizija nehhewh umbaghad ghax waqfu w l-appellant nizel mill-karozza.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkuzi li dwarhom hemm kontestazzjoni f' dan l-appell huma l-ewwel (sewqan perikoluz) li jinkorpora fih l-akkuza alternattiva ta' sewqan traskurat fit-tieni imputazzjoni, li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tippronunzja ruha dwarha, r-raba ta' sewqan b' giri aktar milli jmissu, s-sitt akkuza ta' sewqan bla *seat belt*; is-seba' akkuza li ma tax id-dritta lil traffiku fuq ir-*roundabout*, it-tmin akkuza li naqas li jaghmel sinjali meta kien ser ibiddel id-direzzjioni jew jaqbez vettura w t-tnax l-akkuza li saq jew ipprova jsuq meta ma kienx f' kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u t-tieni imputazzjoni ta' sewqan b' maniera traskurata, gie ritenut

minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) "*Recklessness"* giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** [20.4.1963] ). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u **"Il-Pulizija vs. Charles Bartolo"** [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ."* (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Ikkonsidrat;

Issa hu minnu li dawn l-akkuzi gew kollha michuda mill-appellant li jinsab korroborat mill-passiggier li kellu mieghu Keith Baldacchino w li dan igib konflitt fil-provi. Pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn). F' dan il-kaz, din il-Qorti tara li hija aktar attendibbli l-verzjoni tal-Pulizija li mhux biss innotaw sewqan hazin da parti tal-appellant, imma addirittura hassew il-htiega li jsegwuh bis-sirena u l-*beacon lights* mixghula ghal certa distanza biex iwaqqfuh.

Pero', meta analizzat id-dinamika tal-allegat sewqan hazin tal-appellant fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma li minn dak li hemm fl-affidavits ta' PS 241 Nicholas Farrugia u PC 1187 Omar Zammit ma jirrizultax dak il-grad ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi r-reat ta' sewqan perikoluz. Jirrizulta invece sewqan b' manjiera traskurata w imprudenti skond l-imputazzjoni alternattiva (numru 2).

Ghalhekk din il-Qorti tara li ma jirrizultax is-sewqan b' manjiera perikoluza izda jirrizulta r-reat ta' sewqan b' mod traskurat kontemplat fit-tieni imputazzjoni li l-Ewwel Qorti kienet astjeniet milli tippronunzja ruha dwarha ladarba sabet htija tar-reat ta' sewqan perikoluz. Ir-reat ta' sewqan b' maniera traskurata jassorbixxi fih ir-reati taht ir-raba' (speed eccessiv) is-seba' imputazzjoni ( li ma tax id-dritta fuq *roundabout*) w t-tmin imputazzjoni (li ma ghamilx sinjali).

Din il-Qorti hija ukoll sodisfatta li jirrizulta pruvat ir-reat kontemplat fis-sitt imputazzjoni (sewqan bla seat belts).

Ghar-rigward tat-tnax l-imputazzjoni w cioe' dik li saq jew ipprova jsuq vettura meta ma kienx f' kondizzjoni li jsuq minhabba xorb, l-appellant xehed li hu kien xorob xi hames flixken birra Heinekin bejn il-11.30 am. u 12.30 pm. u li dawn lanqas ikollhom effett fuqu. Qal ukoll li wara mar id-dar, kiel, raqad, inhasel u rega' hareg biex isuq lejn Bugibba. Pero' iz-zewg ufficjali tal-Pulizija nnotaw li kellu riha ta' xorb u li wara li ghamlulu l-*breathalyser test* fit-triq, dan ta rizultat ta' 72mg., tant li ddecidew li johduh id-Depot ghat-tieni test li pero' ma tax rizultat ghax ma bediex jonfoh sew l-appellant. F' dan l-ahhar fatt is-Surgent u l-Kuntistabbli huma korroborati mis-Surgent Maggur Urpani.

L-appellant, fir-rikors tal-appell, mhux qed jikkontesta li l-*breathalyser test* li sar fit-triq ta rizultat ta' 72mg/100 ml. mar-raba' tentattiv. Jghid biss li dan "*ma jfissirx per se u necessarjament li …ma kienx f' kundizzjoni li jsuqha."* Lanqas ma cahad din ic-cirkostanza fid-depozizzjoni tieghu, kif ghamel fil-kaz tar-reati ta' sewqan hazin.

Illi jigi rilevat li din l-imputazzjoni mhux bazata fuq xi rizultat ta' *test* li sar fuq strument u tista' tirrizulta pruvata anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okulari li jkunu osservaw lill-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat.(ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Simon Ellul Sullivan"** [14.12.2005] u ohrajn). F' dan il-kaz hemm l-affidavit ta' PS 241 Farrugia u PC 1187 Omar Zammit li l-appellant kellu riha ta' xorb u li meta waqqfuh beda'

jghajjat u jidghi. Kien hemm ukoll il-mod erratiku li bih kien qed isuq li gibed l-attenzjoni taz-zewg pulizija. Inoltre, l-*breathalyser test* li sar fuq il-post minn dawn iz-zewg ufficjali ta r-rizultat fuq imsemmi li hu ferm oghla mil-livell permess mil-ligi. L-appellant meta xehed ma kkontradiciex jew jikkontesta dan il-fatt u ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha kull raguni biex, fuq dawn l-indizji komplessivi , ssib li din it-tnax l-imputazzjoni kienet tirrizulta pruvata.

Illi  ghar-rigward tal-piena hu ovvju li ghab-bazi tal-fatt li nstabet htija taht it-tnax l-imputazzjoni skond l-artikolu 15A u ta’ dak li jippresprivi l-artikolu 15H (1) (a)  (2) tal-Kap.65, il-multa minima ghal dar-reat hi dik ta’ mhux inqas minn erba mija w sitta w sittin Ewro (E466) ekwivalenti ghal mitejn lira Maltin (LM200) erogata mill-Ewwel Qorti w l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan, ghandha tkun ta’ mhux inqas minn sitt xhur. B’ zieda ma dan irid ikun hemm ukoll skwalifika tal-licenzji tas-sewqan ta’ mhux inqas minn tmint (8) ijiem ghar-reat ta’ sewqan b’ manjiera traskurata. Il-piena ghall-htija tal-ewwel imputazzjoni trid tigi revokata w minnflok erogata piena ghar-reat inqas gravi kontemplat fit-tieni imputazzjoni ta’ sewqan traskurat. Iridu jigu wkoll revokati l-pieni ghar-raba’, s-seba’ w t-tmin imputazzjonijiet stante li dawn ir-reati huma assorbiti fil-htija riskontrata taht it-tieni imputazzjoni ta’ sewqan traskurat, skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba’, tal-hames, tas-sitt, tas-seba’, tat-tmin u tat-tnax l-imputazzjoni, mhux hati tad-disa’, tal-ghaxar u tal-hdax l-imputazzjoni w in kwantu ddikjarat li t-tielet u t-tlettax l-imputazzjoni gew irtirati mill-prosekuzzjoni w in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta’ Ewro 47 ammenda ghall-hames imputazzjoni; in kwantu ikkundannat lill-appellant ghal multa ta’ Ewro 46 ghas-sitt imputazzjoni w in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-multa ta’ Ewro 466 ghat-tnax l-imputazzjoni; u

**<u>tirrevokaha</u>** fejn sabet lill-appellant hati ta l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan perikoluz w minnflok issibu mhux hati taghha w minnha tilliberah pero' issibu hati tal-imputazzjoni alternattiva numru tnejn ta' sewqan b' manjiera traskurata, bl-assorbiment ghall-fini tal-piena tar-reati kontemplati fir-raba', s-seba' u t-tmin imputazzjonijiet skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali w tikkundannah ghall-multa ta' hamsa w sebghin Ewro (E75) ghal din it-tieni imputazzjoni; tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien tmin (8) xhur u minnflok tordna s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant ghall-perijodu komplessiv ta' sitt xhur u tmint ijiem; u tirrevoka l-kundanna ghall-hlas ta' Ewro 69.98c ghar-raba' imputazzjoni, ta' Ewro 46 ghas-seba' imputazzjoni w ta' Ewro 46 ghat-tmin imputazzjoni, in vista tal-assorbiment ta' dawn ir-reati fit-tieni imputazzjoni kif fuq intqal.

It-terminu tas-sospensjoni jibda' ghaddej mill-lum f' nofs il-lejl.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------